# IL-KWADRI FIL-KNISJA TA' SAN PUBLJU ............. L-ARTISTI LI PITTRUHOM

## SALVATOR MOUSÙ

Il-knisja tagħna ma tistax tiftaħar b'kapolavuri artistiċi kbar però, min-naħa l-oħra, tippossjedi diversi pitturi li, kollox ma' kollox, fihom il-preġju u r-rappreżentazzjoni ta' wħud mill-artisti li llum huma meqjua bħala punti ta' riferiment fl-iżvilupp tal-arti u l-istorja tagħha f'pajjiżna. Mingħajr ebda dubju l-kapolavur assolut li kellha l-knisja tagħna kienet il-manjifika Kruċifissjoni tal-kbir, kont ser ngħidlu l-ikbar, pittur li welled pajjiżna:

## Ġuiseppe Calì (1846 - 1930)



**Kurċifiss li kien hemm qabel ma' ġġaraf bil-gwerra nhar it-28 ta' April 1942. Fl-istess post fejn illum hemm ta' Testa.**

Din il-Kruċifissjoni għandna xi ngħidu fuqha mhux ħażin imma hawn xtaqt inkellimkom dwar dak li għandna bħalissa. U, la semmejna lil Calì nistgħu nibdew bih peress li kif nidħlu mill-bieb maġġur fuq ix-xellug tagħna l-ewwel ma niffaċċjaw huwa 'l San Lawrenz tiegħu.
Kif ġa ssuġġerejt, Giuseppe Calì huwa l-aqwa esponent tal-ottocento u novecento Malti, mhux biss, jien inżid li huwa kien l-aqwa pittur li pproduċiet Malta. Ovvjament din id-dikjarazzjoni minn xi kritiċi tista' titqies bħala waħda azzardata jew goffa, imma jien nibqa' nsostniha u għalhekk għalkemm għandna żewġ pitturi biss tiegħu viz: San Lawrenz u Monsinjur Mallia (fis-sagristija), għandna għax inkunu ferħanin u kburin bihom.
Calì twieled fil-Belt Valletta fl-1846 minn ġenituri naplitani u Napli naturalment kienet il-kalamita prinċipali li ġibditu għar-raffinar tal-ġenju artistiku li kien twieled bih. Dak li rawmu fit-teknika kien Giuseppe Mancinelli imma peress li Delacroix u Morelli kienu laqtuh sew huwa ħares lejhom bħala l-ispiraturi ewlenin tiegħu.
M'hemmx għalfejn nidħlu fid-dettall tax-xogħlijiet ta' dan il-ġgant tal-pittura Maltija - kulħadd jaf dwar il-kapaċitajiet tiegħu f'kull sens u linja pittorika. Hawn bosta knejjes li jiftaħru, u bir-raġun, b'xogħlijiet l-aktar daawk li ghandhom xi ħitan, soqfa u anki si koppla tiegħu. Mhux ser inkun jien l-ewwel wieħed, u l-anqas l-aħħar, li l-eloġji tiegħi jkunu fis-superlattiv, ngħid ħaġa waħda: Calì kull ma mess b'idu sar deheb li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar isir prezzjuż. Huwa miet fl-ewwel ta' Marzu, 1930 propju waqt li l-poplu Malti kullimkien kien qed jitbellah fl-ewwel jum tal-Karnival. L-Arċipriet li kien qed jassistih u rah jagħlaq għajnejh dar fuq il-familja tiegħu u qalilhom li kull ma ġara f'dak il-ħin kienet biss transizzjoni tal-ġmiel tal-ġenna li kien jara u jagħtilhulna fuq it-tila, għal ġmiel tal-ġenna li f'dak il-waqt huwa beda jmiss b'idejh!



**San Lawrence**



**Mons. Franġisku Mallia**

Issa, pittur li tlifna diversi xogħlijiet tiegħu fil-gwerra li għaddiet kien:-

## Rocco Buhagiar (1725 - 1805)

li tiegħu għad baqgħalna lil Sant' Antnin fit-tieni altar wara San Lawrenz, u 'l San Pawl ifejjaq lil missier San Publju, fl-ewwel artal fuq il-lemin kif tidħol mill-bieb maġġur. Eżattament fejn u meta twieled ma tantx nafu u peress li miet ta' xi tmenin sena huwa maħsub li twieled fl-1725. Dal-pittur prolifiku ħallielna bosta xogħlijiet imxerrda mal-Gżejjer tagħna, magħrufin għal tip ta' ħlewwa u serenità ċelesti li, tista' tgħid, kull pittura tiegħu toffrilna.



Sant' Antnin

Rocco Buhagiar, kien studja għal xi żmien f'Ruma u bosta pitturi tiegħu jindikaw dan għaliex diversi figuri jidhru li ġew ispirati u riprodotti minn pitturi oħrajn eqdem minnhom. Hawn min jgħid li l-kapolavur tiegħu hu dak tal-Madonna tal-Ħniena tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Miet f'Bormla fl-1805 fejn indifen fil-knisja ta' Santa Tereża. Il-kritiku u storiku Mario Buhagiar jgħid li "mal-mewt tiegħu epoka importanti fl-istorja ta' l-arti Maltija għalqet il-bibien tagħha.



San Pawl

Dan Rocco Buhagiar kien ferm popolari fi żmienu peress li kien ħa post pittur ieħor kbir Malti hekk kif miet u dan kien:-

## Francesco Zahra (1710 - 1773)

Ta' dan ukoll tlifna xi xogħlijiet tiegħu fil-gwerra i.e. parti sew mill-Via Sagra tiegħu sabiħa li kellna, barra tliet stazzjonijiet. Fil-knisja propja m'għandna xejn imma fis-sagristija għandna dak il-ġmiel ta' kwadru tal-Qalb ta' Ġesù bejn San Kamillu u San Gaetano - li, fl-idea tiegħi, messu qiegħed fuq xi altar flok kwalunkwe pittura oħra, għax hu wisq superjuri għalihom ilkoll.



Qalb ta' Ġesù

Zahra twieled fl-Isla imma qatta' l-biċċa l-kbira ta' ħajtu fil-Belt Valletta fejn miet ta' tlieta u sittin sena u ndifen fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu. Għalkemm m'għandna l-ebda prova li huwa qatt ħalla gżiritna madankollu x-xebh u l-influwenza tal-pitturi tas-Sud tal-Italja huma wisq evidenti li huwa kien żar Napli jew, għallinqas, il-viċina Sqallija. Bosta jsemmu li l-aqwa biċċa xogħol tiegħu tinsab fis-saqaf tal-Aula Capitolare tal-Imdina: San Pawl fil-Glorja. Jien inħoss li bosta pitturi oħrajn huma tal-istess livell u xi wħud forsi wkoll superjuri, bħal per eżempju (tant tar-Rabat kif ukoll ta' Tarxien), iż-żewġ kwadri majifiċi tal-kor ta' San Filep (Żebbuġ) eċċ.

Ngħaddu issa għall-uniku pittur Furjaniż ta' kalibru li kien bla dubju:-

## Antonio Falzon (1805 - 1865)

u li baqgħalna tiegħu żewġ ritratti fis-sagristija i.e. dak tal-ewwel kappillan Dun Giuseppe Ellul, u l-isqof Francesco Saverio Caruana. Żewġ ritratti ta' valur imma l-aqwa xogħol tiegħu, li ma tantx jidher li huwa apprezzat, huwa bla dubju l-pittura ovali ta' Santa Filomena fl-altar tal-Kunċizzjoni. Pittura ta' qies modest fejn id-delikatezza tal-figura hi ppreżentata b'finezza u b'dak li nsejħulu "draughtsmanship" metikoluż kważi fjamming. Donnu li dal-pittur kien jibbrilla fi kwadri żgħar għax meta daħal għal tili mdaqqsa ma tantx irnexxa. L-aktar pittura li forsi tesprimih sew hi dik li



Dun Ġużepp Ellul

b'kumbinazzjoni tinvolvi lill-qaddis patrun tagħna San Publju li qed isellem lil San Pawl. Din tinsab fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fil-kappellun lemini kif tidħol.



Santa Filomena

Antonio Falzon kien jifforma parti minn grupp ta' artisti li kienu jissejħu n-Nazzareni jew, fl-Ingilterra, il-Pre-Raffaelliti. Dawn kellhom l-idea jew aħjar fissazzjoni li l-arti bdiet titlef l-ispiritwalità tagħha fi żmien Raffaello u għalhekk kienu jsejħu lilhom infushom Pre (qabel) Raffaello. Il-mexxejja ta' dan il-grupp kienu ż-żewġt aħwa Giuseppe u Vincenzo Hyzler u dawn irnexxielhom li jkollhom diversi segwaċi. L-aktar wieħed li jidher li baqa' marbut magħhom kien

## Giuseppe Calleja (1830 - 1915)

artist li fil-parroċċa ta' San Publju, fit-tieni kappella fuq il-lemin, ħallielna dik li xi kritiċi jqisu bħala l-kapolavur tiegħu: Il-Madonna tal-Karmelu. Din tpittret fis-sena 1854 meta Calleja kien għadu żagħżugħ u jingħad li Giuseppe Hyzler ta xi daqqa t'id ukoll fiha b'dik li nsibuha bħala t-"tocco del maestro". Dal-pittur ħalla ħafna xogħlijiet imxerrdin fil-knejjes u anki djar privati. Bħala kurżità għalina l-Furjaniżi intarrfilkom nota li huwa kien kiteb fi speċi ta' djarju meta rrimarka li l-akbar sodisfazzjon ta' ħajtu bħala surmast kien meta ġie jgħallem fl-iskola tal-Gvern tal-Floriana l-aktar minħabba li hawn huwa kellu l-aħjar riżultati mill-istudenti kollha li kellu.



Madonna tal-Karmnu

Fuq linji xi ftit simili ta' ħsieb kien grupp ta' artisti li jsejħu lilhom infushom "puristi" ispirati u mmexxija minn Tommaso Minardi u Pietro Paolo Caruana kien il-perċimes tagħhom hawn Malta. Peress li l-idolu tagħhom kien Raffaello Pietro Paolo semma lil ibnu, ma setax jonqos, għal Raffaello:-

## Raffaello Caruana (1820 - 1886)



pittur li ma tantx għamel isem li, naħseb jien, l-iżball ta' ħajtu kien meta bħal qata' qalbu għax ħass u ddeċieda li l-vokazzjoni tiegħu ma kenitx dik ta' pittur u wara xi żmien ta' konflitt miegħu nnifsu abbanduna l-pittura u impjega ruħu bħala "draughts-man" mad-dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi - post li jekk ma hu tajjeb għal xejn jinqala' biex joħnoqlok l-inizjattiva!

Sakemm kien għadu jpitter huwa ħallielna ż-żewġ kwadri laterali kbar tal-kor wieħed jirrappreżenta l-Konsagrazzjoni ta' San Publju bħala isqof minn San Pawl u l-ieħor il-Laqgħa ta' San Pawl u San Publju. Ċertament Raffaele Caruana ma laħaqx il-livell



Dun Ġużepp Ellul

b'kumbinazzjoni tinvolvi lill-qaddis patrun tagħna San Publju li qed isellem lil San Pawl. Din tinsab fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fil-kappellun lemini kif tidħol.



Santa Filomena

Antonio Falzon kien jifforma parti minn grupp ta' artisti li kienu jissejħu n-Nazzareni jew, fl-Ingilterra, il-Pre-Raffaelliti. Dawn kellhom l-idea jew aħjar fissazzjoni li l-arti bdiet titlef l-ispiritwalità tagħha fi żmien Raffaello u għalhekk kienu jsejħu lilhom infushom Pre (qabel) Raffaello. Il-mexxejja ta' dan il-grupp kienu ż-żewġt aħwa Giuseppe u Vincenzo Hyzler u dawn irnexxielhom li jkollhom diversi segwaċi. L-aktar wieħed li jidher li baqa' marbut magħhom kien

## Giuseppe Calleja (1830 - 1915)

artist li fil-parroċċa ta' San Publju, fit-tieni kappella fuq il-lemin, ħallielna dik li xi kritiċi jqisu bħala l-kapolavur tiegħu: Il-Madonna tal-Karmelu. Din tpittret fis-sena 1854 meta Calleja kien għadu żagħżugħ u jingħad li Giuseppe Hyzler ta xi daqqa t'id ukoll fiha b'dik li nsibuha bħala t-"tocco del maestro". Dal-pittur ħalla ħafna xogħlijiet imxerrdin fil-knejjes u anki djar privati. Bħala kurżità għalina l-Furjaniżi intarrfilkom nota li huwa kien kiteb fi speċi ta' djarju meta rrimarka li l-akbar sodisfazzjon ta' ħajtu bħala surmast kien meta ġie jgħallem fl-iskola tal-Gvern tal-Floriana l-aktar minħabba li hawn huwa kellu l-aħjar riżultati mill-istudenti kollha li kellu.



Madonna tal-Karmnu

Fuq linji xi ftit simili ta' ħsieb kien grupp ta' artisti li jsejħu lilhom infushom "puristi" ispirati u mmexxija minn Tommaso Minardi u Pietro Paolo Caruana kien il-perċimes tagħhom hawn Malta. Peress li l-idolu tagħhom kien Raffaello Pietro Paolo semma lil ibnu, ma setax jonqos, għal Raffaello:-

## Raffaello Caruana (1820 - 1886)



pittur li ma tantx għamel isem li, naħseb jien, l-iżball ta' ħajtu kien meta bħal qata' qalbu għax ħass u ddeċieda li l-vokazzjoni tiegħu ma kenitx dik ta' pittur u wara xi żmien ta' konflitt miegħu nnifsu abbanduna l-pittura u impjega ruħu bħala "draughtsman" mad-dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi - post li jekk ma hu tajjeb għal xejn jinqala' biex joħnoqlok l-inizjattiva!

Sakemm kien għadu jpitter huwa ħallielna ż-żewġ kwadri laterali kbar tal-kor wieħed jirrappreżenta l-Konsagrazzjoni ta' San Publju bħala isqof minn San Pawl u l-ieħor il-Laqgħa ta' San Pawl u San Publju. Ċertament Raffaele Caruana ma laħaqx il-livell

pittoriku ta' missieru Pietro Paolo li dan ukoll kien iddeffes man- 'Nazzareni', madankollu għalkemm Raffaele ma telax ħafna 'l fuq in ġenerali huwa kien ritrattista ta' kalibru. U bejn dawn iż-żewġ kwadri kbar żgur li l-aktar titular magħruf f'beltna hu dak tal-Martirju ta' San Publju li nħadem minn:-



## Filippo Vincenzo Pace (Sek. XVIII)

Sa ftit żmien ilu dan it-titular kien jiġi attribwit lil Antoine de Favray, minkejja li l-istil u t-tip ta' pittura kienu u għadhom jindikaw li dan ma huwiex xogħlu. L-attribuzzjoni mbagħad għaddiet għal Giuseppe Pace (aliev tal-Favray) imma dan l-aħħar waqt u wara r-restawri tal-bravu Alfred Briffa ġie definittivament stabbilit li t-titular tal-Martirju ta' San Publju huwa xogħol kollu kemm hu ta' Filippo Vincenzo Pace (ħu Giuseppe) u li esegwieh fis-sena 1773.



Titular

Dan kien iż-żmin tar-renju tal-Favray u anki għaliex l-aħwa Pace kienu allievi tiegħu jista' jagħti l-każ li Favray fl-oriġini kien ta xi idea jew forsi "sketch" dwar kif kellu jiġi ttrattat dan is-suġġett u jista' wkoll ikun li Favray seta' ta xi "finishing touch"! Ta' min jinnota hawn li dawn iż-żewġt aħwa Pace, wara l-mewt ta' Favray, ħadu f'idejhom l-għodda kollha u bosta disinji minn tiegħu.
Mill-bqija ma tantx nafu dwar dawn iż-żewġt aħwa pitturi ħlief li għexu fl-aħħar nofs tas-seklu XVIII u fil-bidu tas-seklu XIX, b'Giuseppe jispeċjalizza fir-ritrattistika.

## Pietro Gagliardi (1809 - 1890)

li ħalla xogħol sabiħ tiegħu f'diversi knejjes tagħna ħallielna fil-parroċċa kwadru sempliċi imma ħelu tas-Sacro Cuor u x'aktarx il-Wiċċ ta' Kristu tar-relikwi. Pietro kien popolari ħafna hawn Malta u l-kapaċitajiet tiegħu nistgħu narawhom per eżempju fil-Kattidral fil-kappella ddedikata lill-Madonna patruna ta' Malta.
Pietro kien iz-ziju ta':-



Wiċċ ta' Kristu



Sacro Cuor

## Giovanni Gagliardi (Sek. XIX)



Tar-Rużarju

probbabilment imħajjar u mgħejjun minn zijuh kien ikkopja l-pittura tas-Sassoferrato tal-knisja ta' Santa Sabina (Ruma) taħt it-titolu tal-Madonna tar-Rużarju. Din intbagħtet minn hemmhekk lejn Malta u tpoġġiet fil-kappellun tal-lemin quddiem skultura unika u imprezzabbli ta' San Tumas.
Nisperaw li din il-mossa antiartistika tas-seklu li għadda u t-tkomplija tal-vandaliżmu bit-tqaċċit ta' partijiet skultoreji ta' dan is-seklu jiġu b'xi mod ikkoreġuti.
U biex nagħlqu din iż-żjara lill-pitturi li ħallewlna xogħlijiethom fil-knisja tagħna ma nistgħux hux veru nħallu barra l-ikbar pittur Malti tat-tieni nofs tas-seklu li għadu kemm ħalliena:

## Emvin Cremona (1919 - 1987)



Jekk fil-gwerra li għaddiet tlifna l-pitturi tas-saqaf tal-kor, tal-abside u l-lunetti kif ukoll tal-koppla, forsi nesklamaw "u iva ma kenux xi opri kbar!" Għalkemm dan ma hux raġunament dan madankollu żgur li l-pitturi li ħadu posthom illum huma superjuri għalihom.
Emvin Cremona kien pittur prolifiku u bbrilla f'kull qasam artistiku, ma tantx kien feliċi nħoss meta bagħbas fl-arkitettura. Jekk fil-bolli, dekor, palk u esebizzjonijiet huwa kien ġenjali u oriġinali daqstant ieħor u aktar kien fil-pittura. Ma nafx jekk is-saqaf tal-knisja ta' San Publju hux meqjus bħala l-kapolavur tiegħu (jien hekk naħseb); li hu żgur hu li hawn Cremona sforza u wera l-massimu tal-ħila tiegħu suprema. Ħasra li l-pitturi tal-isqfijiet qegħdin f'sitwazzjoni li ma tantx tista' tapprezzahom sew: tabilħaqq ritratti ta' valur artistiku u anki storiku. L-isbaħ xogħol tiegħu, nazzarda ngħid, li huma l-erba' lunetti tal-erba' qaddisin li kitbu dwar San Publju li fihom u bihom Cremona wera kapaċità straordinarja ta' disinn, kulur (il-"forte" tiegħu), kompożizzjoni u armonija mas-sitwazzjoni arkitettonika.
Nagħlaq dit-tixrifa mini-bijografika b'rimark li kien għaddieli l-mibki Arċipriet Dun Alwiġ Debono qabel miet: "Salv" kien stqarrli meta konna niddiskutu l-arti Maltija, "jien għal ħaġa waħda biss irrid li nibqa' miftakar: dik li fil-parrokkat tiegħi Cremona pitter is-saqaf tal-knisja!" U x-xewqa tiegħu seħħet.

REFERENZI

1. S. Mousù - "Tletin Sena Biss" - "Il-Furjana" Vol. I no. 23 Ġunju 1958 pp.1 u 2.
2. E. Fiorentino & L. Grasso - "Giuseppe Calì" Ed. Said Int. 1991.
3. M. Buhagiar "The Iconography of the Maltese Islands" Ed. VELAR, Italia - 1987.
4. A. Agius - "Is-Subborg tal-Furjana u l-Parroċċa Tiegħu" Dar ta' San Ġużepp, Ħamrun - 1946.
5. S. Mousù - "Nies Kbar Furjaniżi - 3 - Antonio Falzon" 'Il-Furjana - Marzu - April, 1955.
6. J. Calleja - "Giuseppe Calleja" - Veritas Press - 1992.
7. E. Fiorentino - "Restorer's New Findings" - The Sunday Times March, 1995.
8. E. Montanaro - "L-Imgħallmin fis-sengħa tal-bini u l-altar ta' San Tumas" minn 'Il-Parroċċa ta' San Publju' - 1990.

**EVERGREEN**

**Green Grocer**
**ta' Connie**



**GĦALL-ĦAXIX U FROTT FRISK**





**St. Thomas Street, Floriana**
**Prop. Robert Busuttil**
**Telephone: 233338**